SAN LAWRENZ

**Il-Minuti tas-sebgħa u ħamsin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar l-Erbgħa 31 ta' Ottubru 2011 fit-8:30 ta' filgħodu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .**

*Preżenti:*

*Sindku:* **Noel Formosa**

*Viċi-Sindku:* **Anthony Formosa**

*Membri:*

**John Mercieca**
**Joseph Sultana**
**Luigia Grima**

*Segretarju Eżekuttiv:* **Lucienne Haber**

**1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.**

**2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.**

**2.1 Il-Kunsill qabel li fl-aħħar minuti għandhom jiġu nseriti dawn il-punti:-**

**Il-Kunsill qabel li għandu jistħarreġ dwar l-organizazzjoni ta' transport b'minibus għall-istudenti li jmorru fi skejjel privati li tiġi mħallsa minnhom stess u l-Kunsill jgħinhom f'xi ħaġa żgħira.**

**2.2 Il-Kunsill qabel li għandu jikkontribwixxi għal riċeviment żgħir lill-kantanti tal-kunċert Gloria li ser jinżamm fil-Knisja li huwa organizzat bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali.**

**2.3 Saret referenza għall-istedina mir-Reġjun t'Għawdex sabiex is-Sindku u l-Viċi Sindku jkunu jistgħu jmorru fuq żjara Brussels mas-Sindki u Viċi Sindki oħra Għawdxin. Is-Sindku semma' li huwa peress li jkollu okkażżjonijiet oħra li jmur Brussels iħoss li għandu jistieden li xi kunsillier ieħor imur minfloku. Il-kunsilliera qablu li għalhekk li f'din iż-żjara għandhom jieħdu sehem il-Viċi Sindku Anthony Formosa u l-kunsillier Joseph Sultana. Il-Kunsill qabel li għandu jħallas l-ispejjes involuti f'din iż-żjara.**

3.0 <u>Korrispondenza</u>

3.1 Ġiet trattata l-ittra mingħand il-Malta Community Chest Fund rigward il-Fun Run mal-President. Il-Kunsill qabel li ser tinserta mal-Fiera tad-Dundjani li tiġi organizzata f'San Lawrenz pero' sar qbil li għandna noħorġu avviz għall-pubbliku fejn inħeġġuhom sabiex jippartecipaw u biex inħeġġu dan il-Kunsill ser jipprovdi transport.

3.2 Ġiet trattata l-ittra mingħand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali rigward il-korsijiet tal-Lifelong Learning li peress li ma kienx hemm applikanti biżżejjed minn San Lawrenz, il-parteċipanti ser ikollhom jingħaqdu ma' ta' postijiet oħra.

3.3 Is-Sindku qara l-ittra li ntbagħtet lil Prim Ministru rigward it-talba sabiex tingħata għajnuna finanzjarja lil Kunsill sabiex jinxtara post centrali fil-lokal biex fih jiġu nklużi ufficini amministrattivi tal-Kunsill, berġa, għassa tal-pulizija u possibilment latrina pubblika.

3.4 Giet trattata wkoll l-ittra li is-Sindku bgħat lill-Awtorita tad-Djar rigward nuqqas ta' housing soċjali f'San Lawrenz bid-detriment li l-koppji li qed jiżżewġu kollha qed ifittxu r-residenza tagħhom f'lokalitajiet oħra. Is-Sindku semma' li wara li ntbghatet din l-ittra, huwa mistenni jattendi għal-laqgħa ma' uffiċjali tal-Awtorita' tad-Djar fuq dan is-suġġett.

3.5 Ġiet trattata r-risposta mingħand Alpha Briggs rigward il-kors tal-liċenzja tad-dgħajjes. Il-Kunsill qabel li għandu joħrog avviz għal dawk interessati u naraw x'konkorrenza ser ikollna.

<u>4.0 Armar għal-Milied, proposta ta' Presepju u dawl</u>

4.1 Is-Sindku għamel referenza għal fatt il-festi tal-Milied resqin u għalhekk xieraq li bħala Kunsill naħsbu minn issa għat-tiżjin tal-Milied. Is-Sindku rrefera għal fatt li ġbarna stima ta' €650 biex jarmawlna l-pjazza bid-dwal. Il-Kunsill qabel li meta wieħed jikkompara mal-istimi miġbura fis-sena ta' qabel jidher li dan huwa prezz tajjeb u għandna nipproċċedu fuqha.

4.2 Ġiet diskussa wkoll il-possibilita' li jigi kreat presepju magħmul minn pasturi printjati fuq il-canvas. Bħala post ġie deċiz li jsir fid-daħla ta' San Lawrenz iżda kollox jiddependi mill-fażi tax-xogħolijiet li ser isiru f'din it-triq.

<u>5.0 Għazla tal-offerta tal-Pjazza</u>

5.1 Il-Kunsill qara r-rapport dwar l-għazla tal-offerta għall-proġett tal-irranġar tal-pjazza. Il-Bord tal-għazla rrakkomanda li għandha tintgħażel l-offerta

tas-Sur Joseph Grima anke minkejja li kienet l-għola waħda peress li l-irħas offerta mitfugħa ma kinitx kompatibbli u kien hemm xi nuqqasijiet.

5.2 Il-Kunsill ra r-rapport u wkoll d-dokumenti annessi ma dan ir-rapport fosthom l-evidenza li l-Bord tal-għażla kien talab il-parir tad-Dipartiment tal-Kuntratti dwar l-irħas offerta u tweġiba bil-miktub, minn naħa tad-Dipartiment.

5.2 Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord li ssorvelja bir-reqqa kollha l-offerti mitfugħa.

**6.0 Talba għad-devoluzzjoni tal-post ta' Triq it-Torri biex nitrasformawh għal Dar tal-arti u kultura għaż-żgħażagħ**

6.1 Is-Sindku propona li għandna nitolbu għad-devoluzzjoni tal-post tal-gvern li jinsab fi Triq it-Torri, ex residenza ta' Mrs Turner, sabiex jiġi trasformata f'Dar tal-arti u kultura għaż-żgħażagħ.

6.2 Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u li għandu jinbeda l-proċess tat-talba tad-devoluzzjoni tiegħu.

**7.0 Ħruġ tat-tenders tal-isqaqien.**

7.1 Is-Sindku semma' li t-tenders tal-isqaqien jinsabu lesti wasal iż-żmien li noħorġu l-offerta għall-pubbliku. Is-Sindku rrefera għall-isqaq tal-Avukat Grech fejn talab sabiex issir skrittura bejn il-Kunsill u s-sid li għalkemm ser isir ix-xogħol fuq dan l-isqaq mill-Kunsill xorta waħda ser jibqa propjeta tal-Avukat Grech. Il-Kunsill qabel li ma jsibx oġġezzjoni li jagħmel dan u issemma li din l-istess proċedura ssir jekk f'dan il-proġett hemm xi sqaqien oħra li jirriżultaw li huwa ta' xi ħadd. Il-Kunsill qabel li l-interess kemm tal-Kunsill kif ukoll ta' xi sid tal-isqaqien għandu jkun estetiku li jkompli jisebbaħ ir-raħal.

**8.0 Ħruġ tat-tenders tan-niċċa tad-Duluri fil-pjazza.**

8.1 Sar qbil li hekk kif il-perita tlesti d-dokumenti meħtiega din l-offerta tinħareġ għall-pubbliku.

**9.0 Ħruġ tal-offerti ta' Triq ta' Ċangura u Karmnu Grima**

9.1 Is-Sindku semma' li l-Perit Godwin Sultana prepara bill of quantities li kienet tinkludi skavar u bażi soda għal dawn il-partijiet tat-toroq. L-istimi provduti mil-Perit intelgħu ħafna u għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-istess perit biex jemenda l- BOQ li tkun tinkludi tqaxxir u kisja waħda lil partijiet ta' dawn it-toroq li fihom il-ħsara.

10.0 Kisi ta' passaġġi fir-raba – Miżura 125

10.1 Is-Sindku rrefera għal-launching ta' proġett ieħor tal-Unjoni Ewropea dak ta' kisi ta' passaġġi fir-raba taħt il-Miżura 125. Il-Kunsill qabel li għandu jdaħ ħal passaġġi taħt din l-iskema li huma magħrufa bħala Ta' Sancier, Hotba taz-Zugu u l-ewwel part ital-passagg ta' Wied Ġuno, minn naħa ta' Triq it-Torri. Sar qbil li kemm il-darba l-passaġġ magħruf bħala il-ħotba taz-zogu jsir mis-CMTU , jiddaħħal passaġġ ieħor minfloku. Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lil Perit Micallef biex jippreparalna l-BOQ's.

10.2 Sar qbil li sadanittant għandha tintbgħat ittra lid-Dipartiment tat-Toroq fejn nitolbu sabiex issir manutenzjoni lit-Triq magħrufa Triq il-Qasam, li tinsab eżatt fil-konfini bejn l-Għarb u San Lawrenz.

11.0 Mappa turistika f'San Lawrenz

11.1 Is-Sindku propona li għandna nipprintjaw mappa turistika li tkun tinkludi l-landmarks kollha tal-lokal u li għandha titqassam fil-farmhouses u holiday houses kollha tal-lokal. Dan sabiex inkunu qed nagħtu merħba fir-raħal u wkoll ngħinu lil resoranti/ bars u entitajiet oħra li għandna fil-lokalita'. Sar qbil li din il-mappa għandha tkun tinkludi wkoll xi nformazzjoni bażika bħalma huma l-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart. ħinijiet tat-trasport pubbliku, ħinijiet tal-quddies u tal-librerija. Wara li l-Kunsill iddiskuta id-draft li ppreżenta s-Sindku kien hemm qbil ukoll li l-mappa għandha tkun tinkludi l-Bus stops. Kien hemm qbil dwar din il-proposta.

12.0 Business Plan, Annual Administive Report u Management Letter

12.1 Waqt il-laqgħa ġew diskussi l-Business Plan, Annual Administrative Report u Management Letter. Kopja ta' dawn ir-rapporti tqassmet lil Kunsilliera u sar qbil li dawn għandhom jiġu ppublikati.

13.0 Materji oħra

13.1 Is-Sindku rrefera għas-servizz ta' minibus li kien beda jopera għat-tfal tal-iskejjel privati iżda kellu jieqaf wara ġimgħatejn peress li ma kienx viabbli għall-operatur peress li ma kienx hemm biżżejjed tfal interessati.

13.2 Il-Kunsill laqgħa b'sodisfazzjon li l-Arriva laqgħet it-talba tagħna sabiex iżżid trip filgħodu. Sar qbil li għandna nergħu nfakkru lill-istess kumpanija biex tiżdied Bus Stop qrib iċ-Ċimiterju. Din it-talba kienet diġa saret.

Il-laqgħa ntemmet fl-10:30 ta' filgħodu.

*Noel Formosa*
*Sindku*

*Lucienne Haber*
*Segretarju Eżekuttiv*